Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 253 / 2018

Il-Pulizija

Vs

Silvio Galea

Illum 16 ta' Ottubru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Silvio Galea detenur tal-karta tal-identita Maltija 166647 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Mix-xahar t' Awwissu sa Dicembru 2017, gewwa l-Gzejjer Maltin, b' diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kisru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat:

1. Naqas li jaghti lil Amanda Etraplsi, is-somma, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulate fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu u / jew martu, fi zmien hmistax il-jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-23 ta' Mejju, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18 u 338 (z) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti sabet lill-imsemmi mputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u ikkundannatu ghal xahrejn prigunerija.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Silvio Galea, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-8 ta' Gunju, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellate billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu, izda tirrevokaha u thassarha in kwantu l-appellant gie kkundannat ghall-piena ta' xahrejn detenzjoni, u minflok tordna li l-istess appellant jigi kkundannat ghal dik il-piena anqas gravuza li joghgobha timpani din l-Onorabbli Qorti.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti.

Illi l-ewwel aggravju, huwa car u manifest u jikkonsisti fil-fatt illi l-appellant qatt ma seta' jinstab hati ta' ksur ta' ordni tal-Qorti, stante illi l-indirizz fiss tieghu prezenti huwa dak 52, Triq Santa Marija, Zejtun u mhux 11, Triq ir-Repubblika, Zejtun.

Illi t-tieni aggravvju jikkoncerna il-piena inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti u cioe' xahrejn detenzjoni illi fl-umli fehma tal-esponent, huma harxa u eccessivi tenut kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz. Illi hu minnu bhala fatt li bhalma qalet din il-

Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet Il-Pulizija vs Jonathan Attard moghtija fis-26 ta' Mejju, 2004:

*"Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita tad-decizzjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar il-piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il_Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f' ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. M' huwiex normali pero, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hem xejn x' jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat."*

Illi pero kif inghad fl-appell kriminali deciz fis-26 ta' Marzu, 2009 minn din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet Il-Pulizija (Spt. T. Micallef) vs John Gauci, " mhux normali li din il-Qorti tal-Appell li tvarja d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti jekk il-piena erogata tkun tirrientra fil-parametri tal-ligi u ma tkunx manifestament eccessiva. Dan ghax, kif gie ritenut fl-Appell Kriminali (Superjuri): "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler" [26/2/2009]: - "Il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogatamill-Ewwel Qorti, sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sprozjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anki, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza tal-Ewwel Qorti) li jkun jincidi b' mod partikolari fuq il-piena. (ara wkoll "Ir-Repubblika ta' Malta vs Bernard sive Benny Attard" [20/3/2009] App. Krim. Superjuri)"

Illi fil-kaz odjern tal-appellant Silvio Galea, m' huwiex kontestat illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet wahda li tirrientra fil-parametri tal-Ligi, u l-piena lanqas ma hi wahda sproporzjonata meta wiehed ihares lejn il-mod li bih il-kontravenzjoni ta' min ma jhallasx manteniment normalment tigi punita.

Pero f' dan il-kaz, kif gara fil-kaz tal-Appell Kriminali citata supra fl-ismijiet Il-Pulizija (Spt. T. Micallef) vs John Gauci, u fil-kaz ta' Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler, ser jirrizulta li fil-mori tal-appell, l-appellant ser ikun hallas dak dovut minnu bhala manteniment skont l-imputazzjoni, u ghalhekk ser tkun propju sehhet "cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza tal-Ewwel Qorti", li l-Ewwel Qorti ma kellhiex il-possibilita li tiehu in konsiderazzjoni fis-sentenza appellate w ghalhekk tista taghti lok ghal temperament fil-piena.

Illi mhux hekk biss izda talli jigi umilment rilevat li dan mhux kaz ta' xi had li jrid jisfida l-ordni tal-Qorti ghall-hlas ta' manteniment. Dan u hekk, stante illi l-appellant qatt ma kien nnotifikat bid-digriet vigenti, u ghalhekk dejjem gharaf imantni u jghin lill-ibnu mill-mezzi tieghu, minghajr ma kien mgharraf bl-ebda digriet.

Illi wkoll dan hu l-ewwel kaz fejn l-appellant qed jidher quddiem din l-Onorabbli Qorti. L-appellant wkoll m' huwiex xi bniedem refrattarju, anzi hu bniedem li spicca f' dan l-inkwiet fl-isfond ta' separazzjoni personali.

Ikkunsidrat,

Semghet il-partijiet jittrattaw il-kawza u dana fis-seduta tal-25 ta' Settembru 2018.

Illi l-avukat difensur sostna minkejja li ma irrileva xejn min dan fir-rikors tal-appell tieghu li hemm nullita' ' ghaliex fil-process jinsabu zewg sentenzi u ghalhekk l-appellant ma setghax jintavola l-appell tieghu kif imiss ghaleix filwaqt li wahda mis-sentenza hija nieqsa mill-piena l-ohra hija nieqsa mill-motivazzjoni.

Illi l-Avukat Generali irrileva li fir-rikors tal-appell tal-appellant ma hemmx xejn minn dak li tratta dwaru pero' stante li dak li ssolevat id-difiza hija kwistjoni ta' nullita' jirrimetti ruhu ghal gudizzju tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi jidher li l-appellant tressaq il-Qorti nhar id-9 ta' April, 2018 u gie akkuzat li naqas li jmantni lil Amanda Estaplsi ghax-xhur minn Awwissu sa Dicembru, 2017, somma flus kif fissata b'digriet tal-Qorti tat-23 ta' Awwissu, 2017 izda dak in-nhar ma dehrx kif jirrizulta mill-verbal tal-Qorti ta' dak l-istess jum (fol. 9 tal-process).

Ili dakinhar l-ewwel Qorti ordnat il-hrug ta' mandat ta' arrest fil-konfront tal-allura imputat illum appellant u idifferiet il-kawza ghal nhar it-23 ta' Mejju, 2018.

Illi fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2018, l-akkuzat deher quddiem il-Qorti assistit minn Dr Edward Gatt. Dehret ukoll il-part civile assistita minn Dr. Stphanie Caruana u xehdet l-istess parte civile Amanda Estaplsi u pprezentat kopja tad- digriet moghti mill-Qorti tal-Familja nhar it-23 ta' Awwissu, 2017. Il-prosekuzzjoni esebiet ukoll l-affidavit ta' PC508 A. Gatt u ghalqet il-provi taghha. Dakinhar stess l-appellant ghazel li jghati x-xhieda tieghu u sussegwentement wara iddikjara li ma kellux aktar xhieda xi jressaq in sostenn tad-difiza tieghu.

Illi l-Qorti kif kienet tenuta taghmel stante li dawn huma proceduri sommarji ghaddiet biex tat is-sentenza taghha. Dan kollu hu registrat fil-verbal tal-Qorti li jinsab a fol 12 ta' l-atti processwali.

L-Avukat difensur qed isostni li fl-atti hemm esebiti zewg sentenzi li huma differenti li jirrigwardaw l-akkuza odjerna u cioe' dik esebita fl-atti a fol 12 u l-ohra esbita a fol. 21.

Jigi rilevat li d-dokument li jinsab a fol 12 ta' l-atti ma jikkostitwix sentenza fit-termini tal-ligi u cioe' ai termini tal-artikolu 382 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat ulterjorment,**

Black's Law Dictionary jiddefinixxi sentenza bhala '*a court's final determination of the rights and obligations of the parties in a case*'. Ghalhekk sentenza hija decisjoni moghtija minn Qorti jew tribunal kompetenti fejn kontrovesja tigi risolta waqt li l-Qorti tiddetermina id-

drittijiet u obbligi tal-partijiet u in realta hi l-ahhar parti tal-kawza li tinsab pendenti quddiem il-Qorti. Il-Kodici Penali jiddefenixxi sentenza fl-**artikolu 662(1)** u jinkludi:-

*"Taħt l-isem ġeneriku ta' "deċiżjoni" jidħlu: kull verdett tal-ġuri fuq il-fatt, kull sentenza tal-qorti li tillibera, issibħati jew tikkundanna lill-imputat jew akkużat, kull proċess verbal li jsir dwar aċċess jew kompilazzjoni oħra taħt id-dispożizzjonijiet ta'dan il-Kodiċi (barra minn aċċess għall-finijiet tal-verifika tal-provadwar l-"in genere"), u, minnbarra dawn, kull digriet jew ordni definitiv ieħor tal-qorti"*

Sentenza ghandha tkun bil-miktub u ghandha tittratta l-punti kollha li gew sollevati quddiem dik il-Qorti u fil-fatt skond l-artikolu 377 (1) tal-Kodici Kriminali "*meta jingħalaq is-smigħ tal-kawża, il-qorti, dak in-nhar stess, jekk jista' jkun, tagħti s-sentenza, billi tillibera jew tikkundanna l-imputat*"

Ghalhekk kull sentenza moghtija mill- Qrati Kriminali ghandha jew issib htija fil-konfront tal-akkuzat tar-reati kollha jew ta' uhud minnhom jew tiddikjara li ma issibux hati tar-reati jew ta' uhud minnhom. F'kaz ta' htija ghandha ukoll timponi piena. Kull deċiżjoni tal-qorti għandha tingħata mill-imħallef jew maġistrat fil-qorti bil-miftuh[1] salv ghal deċizjoni li tagħti jew tirrifjuta ħelsien mill-arrest ghax din tista' tingħata in camera. Kull deċiżjoni tal-Qorti Kriminali għandha tiġi rreġistrata mir-reġistratur, u dak ir-reġistru huwa l-prova awtentika ta' dik id-deċiżjoni[2].

Waqt li deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Maġistrati, jekk jinkitbu mill-maġistrat li jiddeċidi, għandhom jintrefgħu fl-oriġinal tagħhom, u tgħodd għalihom id-dispożizzjoni tal-artikolu 518. F'kull każ, sunt ta' din id-deċiżjoni għandu jitniżżel f'reġistru apposta, u dan is-sunt jagħmel prova awtentika ta' dik id-deċiżjoni, daqs li kieku kien kopja legali tagħha. Is-sunt għandu jkun fih l-isem tal-qorti li tagħti d-deċiżjoni, l-ismijiet tal-partijiet, id-data tad-deċiżjoni, u l-partikularitajiet imsemmijin fl-artikolu 382, jew, fil-każ ta' digrieti,is-sustanza tal-parti dispożittiva[3]. Għal dak li hu l-verdett tal-ġuri fuq il-fatt,

---

[1] Artikolu 633 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta
[2] Artikolu 633 (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta
[3] Artikolu 633 (5) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

igħoddu d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 474 u 478[4], u anke dawn r-raġunijiet għandhom jiġu irreġistrati flimkien mad-deċiżjoni[5].

Fi kliem iehor sentenza moghtija mill-Qrati tal- Magistrati ghandha tinkludi isem il-Qorti li tat is-sentenza, l-ismijiet tal-partijiet, id-data tas-sentenza u l-elementi misjuba fl-artikolu 382 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, waqt li sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali jew mill-Qorti tal-Appelli Kriminali ghandha tinkludi ukoll isem il-Qorti li tkun tat is-sentenza, l-ismijiet tal-partijiet, il-jum ta' meta s-sentenza inghatat u l-elementi misjuba fl-artikolu 382 tal-Kap 9 apparti ir-ragunijiet li waslu il Qorti biex taghti is-sentenza taghha.

Ghalhekk l-artikoli 663 (5), 377 (1) u 382 ilkoll jindikaw x'ghandu jkun fiha sentenza moghtija mill-Qrati tal-Magistrati. Il-Qrati taghna ripetutament rritenew li s-sentenzi ghandhom jigu konfermati specjalment fejn id-drittijeit tal-akkuzat ma jkunux gew pregudikati, nfatti kif gie ritenut fil-kawza fl-ismijeit **Il-Pulizija vs Francis Zammit**[6] li:

"*Mhix il-prattika ta' din il-Qorti tkun formalisitika żżejjed specjalment meta nullita' 'simili ma ssibx konsegwenzi partikolari ... il-formaliżmu m'hemmx postu u għandha tigi salvata s-sentenza anki fuq il-massima 'ad salvandum actum consummatum omnis favorabilis capienda venit interpretation*".

Bhala rizultat il-Qrati taw interpretazzjoni restrittiva ta' dawn l-artikoli specjalment ta' l-artikolu 382 u segwew il-formalitajiet imsemmija fl-artikolu 382 minghajr ma ziedux formalitajiet ohra li mhumiex imsemmija f'dawn l-artikoli appena citati.

Per esempju fis-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Gesmond Sant**[7], il-Qorti sostniet li kemm l-artikolu 377(1) kif ukoll l-artikolu 382 ma jipprovdux li sentenza ghandha tinghata bil-miktub taht piena ta' nullita' izda dawn l-artikoli jipprovdu biss li dak li

[4] Artikolu 633 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta
[5] Artikolu 633 (4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta
[6] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar ils-16 ta' Jannar 1986
[7] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-19 ta' Frar 2014

jintqal mill-Magistrat innifsu ghandu jigi registrat u rifless fis-sentenza u bhala risultat l-aggravju sollevat mid-difiza li s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti kienet giet michuda.

Aktar u aktar fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Polidano**[8], wara li elaborat dwar id differenza bejn l-artikolu 382 u l-artikolu 662 (2) riteniet li:

*"Jiġifieri sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati li ma ssemmix ir-raġunijiet li wassluha għad-deċiżjoni tagħha ma titqiesx nulla. Naturalment huwa dejjem rakkomandabbli li jissemmew almenu minimu ta' raġunijiet, iżda n-nuqqas tagħhom ma jwassalx għan-nullita' ` tas-sentenza"*

L-**artikolu 382** tal-Kodici Kriminali huwa artikolu importanti ghaliex jelenka dak li hu rikjest f'sentenza li tinghata mill-Qorti tal-Magistrati. In fatti tant hu hekk li l-artikolu 663 (5) tal-Kap 9 jipprovdi li dak li ghandu jissemma fis- sommarju tas- sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ghandu jinkludi dak li jipprovdi l-artikolu 382 tal-Kap 9. Ghalhekk l-elementi li jinsabu f'dan l-artikolu huma elementi sine qua non ghal-validita' ta' sentenza.

L-**artikolu 382** jipprovdi s-segwenti:-

*"Il-Qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat."*

Ghalhekk skond dan l-artikolu il-Qorti meta tigi biex taghti s-sentenza taghha ghandha issemmi:

(i) *il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati;*

(ii) Il-piena li ghandha tinghata lill-akkuzat

(iii) Issemmi l-artikoli tal-ligi li tahthom qed issib lill-akkuzat hati.

[8] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-11 ta' Dicembru 2013.

Dawk it-tlett elementi ghandhom jinsabu fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati. Diversi drabi quddiem il-Qrati taghna tqajjmet il-kwistjoni dwar liema hi s-sentenza li ghandha tigi kunsidrata bhala finali u decisiva peress illi t-tlett elementi ghandhom ikunu prezenti. Il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Gesmond Sant**[9] ghamlitha cara li s-sentenza li ghandha tigi kunsidrata bhala decisiva u li torbot lil partijiet hija dik mahruga mir-Registratur tal-Qorti u ghalhekk dawn it-tlett elementi ghandhom ikun prezenti fil-kopja ufficcjali tas-sentenza mahruga mid-Deputat Registratur. Tant hu hekk li l-Qorti spjegat li:_

*"Dan ifisser quindi illi l-appunti illi jikteb il-Magistrat, jibqghu biss appunti ghall-informazzjoni tieghu. Is-sentenza illi taghmel stat fil-konfront tal-partijiet u terzi, hija dik il-kopja ufficcjali illi tohrog minghand id-Deputat Registratur, taht il-firma tieghu biss. Il-Magistrat m'ghandux ghalfejn jiffirma l-kopja ufficcjali. Dan 'l ghaliex l-istat legali jkun intlahaq mid-Deputat Registratur u mhux mill-Magistrat pero, jekk il-Magistrat jaghzel li jiffirma ma jaghmel xejn hazin, basta li fuq il-kopja jkun hemm ukoll il-firma tad-Deputat Registratur".*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Raymond Parnis**[10] kkonfermat li:

*"Wara li l-Qorti rat l-atti tal-kawza specifikament l-appunti li kitbet il-Magistat fis-sentenza kif ukoll il-kopja ufficjali, tikkonferma illi l-raba' akkuza hija nieqsa millkonsiderazzjonijiet illi jidhru fil-kopja ufficjali. Dan jidher illi huwa zball tat-traskrittur illi bi zvista jew ghal xi haga ohra naqas milli jipproduci ezatt dak illi kitbet il-Magistrat.*

*Jinghad mill-bidu nett li hija l-kopja ufficjali mahruga mid-Deputat Registratur illi jaghmel stat fil-konfront ta' terzi u mhux l-appunti jew is-sentenza li tkun miktuba mill-Magistrat.Dana stabbilit u ovvju pero' illi hemm diskrepanza bejn ilpunti li kitbet il-Magistrat u s-sentenza ufficjali, liema diskrepanza hija sforz lapsus jew zball tekniku tad-Deputat Registratur. Peress illi huwa dmir tal-Qorti illi ssalva kemm jista' jkun latti, ma thossx illi ghandha tmur ghall-estrem tan-nullita' ' tas-sentenza, aktar u aktar meta dan l-izball jista' facilment jigi rrangat u dak li qalet il-Magistrat jista' jigi riprodtt fedelment fis-sentenza ufficjali.*

[9] Ibid
[10] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-4 ta' Marzu 2011.

*Ghalhekk din il-Qorti tiddisponi mill-eccezzjoni tan-nullita' ' imqajjma mill-Avukat Generali billi tichad l-istess, izda tordna illi l-atti jintbaghtu lura lill-Ewwel Qorti halli d-Deputat Registratur johrog kopja ufficjali ohra w jirriproduci fedelment dak illi qalet il-Magistrat fis-sentenza taghha"*.

Il-Qrati f'diversi okkazjonijiet insistew fuq l-importanza sabiex l-artikolu 382 jigi segwit. In fatti hemm diversi sentenzi li irritenew esplicitament li n-nuqqas ta' wahda minn dawn il-formalitajiet iwassal ghan-nullita' tas-sentenza moghtija a bazi ta' difett fil formalita[11]. Fi kliem iehor dawn l-elementi mhumiex biss formalitajiet izda rekwiziti ghal validita' tas-sentenza.

Dis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Azzoparti et**[12] il-Qorti stqarret li:

*"Skont ġurisprudenza paċifika tal-Qorti tal-Appell Kriminali, l-inosservanza ta' xi wieħed ir-rekwiżiti tal-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jammonta għal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428(3) tal-imsemmi Kodiċi, bil-konsegwenti nullita' ' tas-sentenza jew ta' parti minnha skont il-każ. Tali nullita' ' hija sollevabbli 'ex ufficio'.*

Ghalhekk tajjeb osservat id-difiza li tali kwistjoni tista' tigi rilevata mill-Qorti *ex ufficcio* hu appuntu minhabba f'hekk li din il-Qorti dahlet *in funditus* fuq l-materja.

Di piú fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mario Agius**[13], il-Qorti irrimarkat li:

*"in-nuqqas ta' osservanza ta' dak li hemm provdut fl-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jammonta ghan-nuqqas ta' formalita` sostanzjali"*.

Jinghad li dawn ir-rekwiziti huma alternattivi ghal xulxin u ghalhekk sabiex s-sentenza tigi ddikjarata nulla mill-Qorti m'hemmx bzonn li t-tlett rekwiziti ikunu nieqsa mis-sentenza izda nuqqas wiehed hu bizejjed. Peress illi t-tlett rekwiziti iridu ikun jinsabu fis-

---

[11] Vide ukoll l-Appelli Kriminali fl-ismijiet: Il-Pulizija v. Donald Cilia, 24 ta' April 2002; IlPulizija v. Benjamin Muscat, 28 ta' Gunju 2002 u 10 ta' Lulju 2002; Il-Pulizija v. Joseph Zahra, 9 ta' Settembru 2002; Il-Pulizija v. Paul Cachia, 25 ta' Settembru 2003; Il-Pulizija v. Mark Portanier, 14 ta' Settembru 2004; Il-Pulizija v. John Axiaq et, 19 ta' Mejju 2005; Il-Pulizija v. Stefan Abela, 2 ta' Frar 2006; Il-Pulizija v. Emanuel Mercieca, 7 ta' Frar 2006; Il-Pulizija v. Anthony Borg, 1 ta' Gunju 2006; Il-Pulziija v. Marcel Dingli, 9 ta' Frar 2007.

[12] Vol.LXXXIII.1999 Part IV paġina 340

[13] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-15 ta' Marzu 2012.

sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, in-nuqqas ta' wahda minnhom iwassal ghal nuqqas sostanzjali ta' formalita' u konsegwentement iwassal ghan-nullita' tas-sentenza.

Illi f'dan l-istadju jigi rilevat li d-dokument esebit fl-atti a fol. 12 ma jikkostitwix sentenza kif fuq spjegat u dan ghaliex ghandu diversi elementi nieqsa fosthom

(i) *il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati;*

(ii) *Il-piena li ghandha tinghata lill-akkuzat.*

*(iii) l-artikoli tal-ligi li tahthom qed issib lill-akkuzat hati.*

In oltre kif sollevat aktar il-fuq lanqas ma ghandu l-firma tad-Deputat Registratur tal-Qorti. Izda dan id-dokument huwa verbal tal-Qorti li gie mehud dakinhar li nghatat is-sentenza.

Illi ghalhekk is-sentenza rigward il-kawza in kwistjoni hija dik esebita a fol. 21.

Dan id-dokument ghandu l-fatti li taghhom l-appellant instab hati u cioe' l-akkuza li huwa naqas li jmantni lil Amanda Etrapalsi ghax xhur ta' Awwissu sa Dicembru, 2017, il-piena li nghatat u cioe' x-xahrejn prigunerija u l-artikoli 18 u 338(z) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Id-difiza pero' wkoll kellha xi tghid dwar din is-sentenza u dan ghaliex sostniet li hija nulla ghaliex ma fiha l-ebda motivazzjoni.

F'dan ir-rigward din il-Qorti tghamel referenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur S. Tanti) Vs Omissis**[14] fejn intqal li:

"…….n-nuqqas ta' motivazzjoni ma jgibx per se in-nullita' ' expressis verbis ta' tali sentenzi ghax il-motivazzjoni mhix wahda mir-rekwiziti mehtiega ad validitatem fl-art. 382 tal-Kodici Kriminali……... "

[14] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-21 ta' Gunju 2007

Pero' mhux l-ewwel darba li kif gara f'dan il-kaz qed jigu decizi kawzi bla ebda motivazzjoni w cioe', wara li jigi rikapitulati l-akkuzi, il-Qorti tghid :-

"*Ikkonsidrat*

*….issib jew ma ssibx htija skond l-akkuzi*". (kif gara fil-kaz odjern)

Illi tali stezura, zgur li hija ghal kollox karenti minn dak li hu mistenni ordinarjament mill-gudikant meta jkun qed jiddeciedi kawzi bhal dawn u taghmilha difficli kemm ghall-parti vincitrici li ssostni w tiddefendi s-sentenza appellata kif ukoll ghall-parti sokkombenti li tintavola appell kontra motivazzjoni fantomatika, li forsi tkun tezisti biss f'mohh il-gudikant. Inoltre fejn il-Qorti tal-Appell thoss li jkun il-kaz li tikkonferma s-sejbien ta' htija w l-piena erogata, jkollha ta' spiss taghmel ix-xoghol tal-Qorti tal-Magistrati hi stess billi timmotiva ghall-ewwel darba tali sejbien ta' htija w piena. Din il-prattika ghalhekk hija wahda rregolari w trid tigi evitata ghax qed twassal ghal stultifikazzjoni tal-operat tal-Qorti involuta. (ara ukoll App. Krim. **Il-Pulizija vs. James Grima**[15])

Illi dan ir ragunament huwa ukoll abbraccjat f'diversi sentenzi mghtoija mill-Qrati Inglizi fosthom **English vs Emery Reimbold and Strick Limited**[16] fejn intqal lil "*Justice will not be done if it is not apparent to the parties why one has won and the other lost."*

Jew addiriitura fis-sentenza ohra Ingliza fl-ismijiet **Ucatt vs Brain**[17] fejn gie ritenut li " *The purpose of reasons remains what it has always been, which is to tell the parties in broad terms whythey lost or , as the case may be won."*

Pero', sakemm issir emenda opportuna, ma hux il-kaz li sentenzi ta' din ix-xorta jigu annullati w l-Qorti tal-Appell Kriminali tkun trid tghaddi biex tevalwa mill-gdid il-provi minghajr il-beneficcju li tkun taf il-punto di partenza li jkun iggwida lill-Ewwel Qorti biex tasal ghall-konkluzzjonijiet taghha. Ghalhekk sa hawn tista' tasal din il-Qorti fir-rigward

---

[15] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-8 ta' MArzu 2007
[16] ( Practice Note) 2002 1 W L>R 2409, per Lord Phillips M.R.11
[17] (1981) I>R>L>R 225.per Donaldson LJ at 227

tal- aggravju tan-nullita' sollevata mill-appellant li qed jigi michud u konsegwentement qed tordna il-kontinwazzjoi tal-kawza fil-mertu.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur